

# Devozzjoni fin-Nixfa u fil-Kastigi



kitba ta' Guido Lanfranco

Nies twajba, tal-ġabra, mimlijin devozzjoni u fidi assoluta, dejjem lesti biex kull ġrajja tajba, ta'siwi, ta' ħelsien jew misterjuża jqisuha b'miraklu filwaqt li ġrajja ta' dwejjeaq, ħażen, biżgħa jew diżastru bħala kastig; kullma jiġri dejjem iqisuh bħala intervent supernaturali. Ukoll jekk ma jkollna l-ebda ħsieb devot, xorta waħda jiġru ġrajjiet ta' ferħ jew ta' niket, u jekk jitqiesux hekk jew le jiddependi minn min ikun qed jirċevihom jew jgħixhom, għax kollox huwa tajjeb għal xi ħadd imma fl-istess ħin ħażin għal ħaddieħor. Madankollu nies ta' fidi f'Alla u fil-qaddisin, kollox jaraw minn għajnejn devoti u kull ġrajja jistgħu jiddeċiedu li kull grazzja jew kastig tkun miraklu. Imma l-istorja u t-tradizzjonijiet tal-poplu tagħna huma mimlijin inċidenti minn dawn, għalhekk, jekk humhiex tassew mirakli jew le m'għandux ikun il-ħsieb prinċipali tagħna, għax sakemm tkun inħoloqot devozzjoni u ssaħħet il-fidi jkollna raġuni biżżejjed biex naċċettaw kollox bħala parti mill-kultura tagħna. Hawn, bħala eżempji ta' devozzjoni se nagħżel it-talb għax-xita fi żmien ta'nixfa u kastigi "mirakolużi" li sofrew il-ħżiena.

## Talb għax-Xita

Fl-imgħoddi ġeneralment kienu jsiru pellegrinaġġi, mhux biss sempliċi talb fil-knejjes. Ix-xita li xi drabi niżlet wara l-pellegrinaġġ setgħet kienet kumbinazzjoni, għax ikunu ħarġu n-nies meta kienet waslet li tinżel ix-xita xota waħda u mhux bilfors li tkun niżlet għax ħarġu huma, imma d-devozzjoni u l-fidi jirbħu kull raġuni. L-irħula kollha kellhom l-għixien tagħhom mill-prodotti tar-raba' għalhekk in-nixfa għalihom kienet gwaj kbir għax jekk ifallu l-uċuħ jiftaqru u jsofru l-ġuħ matul is-sena. Pellegrinaġġ mhux sempliċiment proċessjoni. Proċessjoni , bħala definizzjoni toħroġ mill-knisja, tagħmel id-dawra meħtieġa u terġa' tidħol fil-knisja bħala estensjoni tal-quddiesa jew ċerimenja liturġika. Il-pellegrinaġġ jitlaq minn knisja u jmur f'oħra. Se nsemmu għażla minn bosta pellegrinaġġi.

In-nies ta' Ħal Qormi , bħal imkejjen oħra fil-gżejjer, għamlu diversi pellegrinaġġi votivi jew penitenzjali lejn il-knisja Tal-Ħlas waqt it-talb għax-xita. Hekk għamlu, fost oħrajn, fl-1850, 1854 u l-1870. Mhux biss il-Qormin, imma wkoll minn imkejjen oħra kienu jaslu f'Tal-Ħlas pellegrinaġġi għax-xita. Is-sena 1718 kienet niexfa sewwa. Fit-3 ta' April l-isqof Caruana ordna lill-fratellanzi kollha joffru suffraġi għall-erwieħ, u fl-10 ta' April il-parroċċi jagħmlu pellegrinaġġi. Il-kappillan ta' l-Isla ddeċieda li joħorġu l-istatwa tal-Bambina u jmorru lejn Tal-Ħlas; fir-ritorn lejn L-Isla bdiet ix-xita. Hawn ta' min jgħid li lill-Erwieħ kienu jdaħħluhom fejn għandhom x'jaqsmu ix-xita u n-nixfa. Meta kienu jtellgħu l-ilma frisk mill-bir kienu jgħidu "Għall-Erwieħ", u l-ewwel ftit ilma jixħtuh ma' l-art fil-bitħa jew għalqa waqt li jgħidu l-istess ħaġa; kellhom devozzjoni kbira lejn l-Erwieħ u kienu jemmnu li dawk jistgħu iġibulna x-xita fin-nixfa, għax ħadd ma jaf aktar minnhom xi jfisser nuqqas ta' ilma!

Il-parroċċa tar-Rabat u l-kattidral ta' L-Imdina kienu jmorru flimkien għall-pellegrinaġġi u ġieli ġarrew magħhom bħal inċirata biex jekk tagħmel ix-xita jgħattu biha l-istatwa ta' San Ġużepp ix-Xiħ. Darba, fl-4 ta' Marzu 1804, billi kienet għadha m'għamlitx xita, ħarġu l-istatwa ta' San Ġużepp ix-Xiħ, merfugħha mill-fratelli ta' San Ġużepp u akkumpanjati mill-komunitajiet reliġjużi kollha u marru lejn Ħad Dingli; għalkemm ix-xita niżlet wara ġimgħa xorta waħda ħaduha bħala effett tal-pellegrinaġġ. Ix-xita wkoll niżlet wara xi ġimgħa wara li fit-2 ta' Jannar 1825 marru lejn il-Mosta għall-istess skop.

Is-santwarju tal-Mellieħa kien favorit tal-Maltin kollha biex imorru pellegrinaġġi għax-xita. Fl-1468, wara sentejn xotti, sar pellegrinaġġ u wara kienet għamlet ix-xita. Is-sena 1640 kienet niexfa, u fl-istess ħin kien hemm biża' ta' attakki mit-Torok, għalhekk, flimkien ma' l-isqof Balauguer sar pellegrinaġġ lejn il-Mellieħa għall-interċessjoni tal-Madonna fiż-żewġ gwajjiet. Wara għamlet ix-xita; mhux biss, imma wkoll miet malajr is-sultan Tork! Fl-20 ta' Marzu 1661, minħabba nixfa fit-tul, kien sar pellegrinaġġ lejn il-Mellieħa u xi ftit żmien wara niżlet ix-xita. Fis-27 ta' Marzu 1718 kien sar pġellegrinaġġ kbir ma' l-isqof Cannaves lejn il-Mellieħa wara tliet snin ta' nixfa kbira. Waqt li kienu fil-knisja bdiet nieżla x-xita. Bħala radd ta' ħajr għal dik l-okkażjoni, fl-1719 bnew ark trijonfali

*L-Għaqda Mużikali Anici ssellem u tferraħ*

tal-ġebel fil-bitha tas-santwarju u fuqu ħallew skrizzjoni bil-latin u, ħaġa rari għal dak iż-żmien, ukoll tradotta bil-Malti.

In-nies tal-Birgu kienu wkoll joħorġu pellegrinaġġi għax-xita, ġenertalment lejn Tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, iġorru statwa tal-Madonna. Darba minnhom kienet għamlet ix-xita waqt ir-ritorn lejn il-Birgu, ixxarrbu u dik is-sena kibru uċuħ abbundanti.

F'Għawdex kien hemm għadd kbir ta' pellegrinaġġi bħal dawn minbarra li bosta drabi kienu jagħmlu biss talb fil-knisja. Fl-1774 ix-xitwa ma ġabetx xita u fost oħrajn in-nies ta' Sannat irrikorrew jitolbu lil Santa Margerita u f'Marzu għamlet ix-xita. Wara x-xita l-kappillan għamlilhom priedka biex iħeġġiġhom f'radd il-ħajr. L-istartwa ta' San Ġorġ tar-Rabat kienu joħorġuha fil-knisja jew pellegrinaġġ, daqqa għall-kolera, oħra għat-terremoti u bosta drabi għax-xita.

Kienu jmorru l-aktar lejn Tal-Grazzja tal-Kapuċċini. Ħarġu l-istatwa minn-niċċa għat-talb, fost drabi oħra, fl-1887, 1888 u l-1889. Ħarġuha pellegrinaġġ fl-1846, 1877, 1881 u l-1885. Ġie li kienu jingħaqdu ma' ta' knejjes oħra tar-Rabat. Darba f'L-Għasri sar talb għax-xita għax kienet nixfa kbira. Jgħidu li Dun Ġużepp Schembri, rettur tal-knisja Tal-Patroċinju, bniedem meqjus bħala ruħ tajba u qaddis, għamel priedka, waqt din il-priedka qabad frosta tal-flaġellanti, beda jsawwat lilu stess (simbolikament), u jgħidu li dak il-lejl stess niżlet ix-xita!

San Kurrew tal-Qala, magħruf b'diversi ismijiet, fosthom San Pawl ta' Wied il-Għasel u L-Ewwel Eremita, skond il-leġġenda kien ħarab minn Wied il-Għasel tal-Mosta, firex il-mantell fuq il-baħar u fl-aħħar sab ruħu Għawdex. Meta kien imur il-Qala jitlob fis-santwarju tal-Madonna in-nies kienu jmorru għandu biex jinterċedi għalihom. Darba talbuh meta kien hemm in-nixfa. Qalilhom iġibulu ponn qamħ u, tkompli l-leġġenda, xeħtu fin-nar. Minflok inħaraq il-qamħ kiber u mmatura, b'hekk tahom sinjal u wegħda ta' xita li għad trid tiġi.

Il-Gran Mastru Ramon Despuig, li kien meqjus ruħ tajba, miet fil-15 ta' Jannar 1741. Jgħidu li minn dak il-ħin stess bdiet nieżla x-xita u baqgħet dakemm difunh. Billi kienet ilha ma tinżel xita minn Ottubru, minkejja t-talb, in-nies twajba dehrilhom li dan kien xi miraklu tal-Gran Masrtru! .

## Kastigi "Mirakolużi"

Ħaġa ta' l-għaġeb kif dawk li riedu jisirqu oġġetti prezzjużi minn xbihat devozzjonali, fil-leġġenda jew spjegazzjoni, kollha ċċungatilhom idhom jew weħlitilhom fil-post! F'Ħal-Qormi l-pittura tal-Kunċizzjoni kellha żżejjinha ħannieqa, fost affarijiet oħra. Fl-1810 raġel ittanta jaqla' l-ħannieqa imma weħlitlu idu magħha u mingħajr diffikultà qalagħhielu l-kappillan filgħodu quddiem kulħadd.

F'Tal-Ħerba, Birkirkara, raġel kien se jisraq xi ġojjelli mix-xbiha tal-Madonna. Idu bbieset u weħlet magħha; mhux biss, imma jgħidu li l-qanpiena tal-knisja ċemplet waħedha, ġew in-nies u qabduh fil-fatt! Jgħidu wkoll li fl-istess post kien se jsir attentat minn żewġ irġiel biex jifthu s-saqaf u jinżlu jisirqu fil-knisja, imma wieħed minnhom laqat sieqU ma' l-ewwel daqqa tal-baqqun, u kellhom jaħarbu.

Fir-Rabat kienet issir il-festa ta' Sant'Anna u l-Kapitlu tal-kattidral kien imur proċessjoni lejn il-knisja parrokkjali ta' San Pawl. L-inkwadru ta' Sant' Anna kien ikun imżejjen bil-ġojjelli. Wieħed ħalliel baqa' fil-knisja bil-lejl u meta mar biex jaqbad xi ħaġa minnhom iċċungatlu idu u baqa' mwaħħal hemm sakemm waslu n-nies u raħ kulħadd.

Il-knisja tad-Dumnikani tal-Belt għandhom bust ta' Aċċjomu (*Ecce Homo*) mirakolużż. Fl-1804 raġel ried jisraqlu l-qasba jew virga tal-fidda u idu weħlet magħha, sakemm is-superjur qalagħhielu filgħodu mingħajr tbatija .

F'leġġenda Għawdxija jgħidu li żewġ suldati Franċiżi fi żmien l-okkupazzjoni kienu fiż-Żebbuġ u serqu ħanżir minn għand waħda mara. Marret titlob quddiem in-niċċa tal-Madonna tal-Ħniena u wieħed mis-suldati kiser idu dak il-ħin!

F'Għawdex ukoll hemm leġġenda dwar il-knisja li kienet teżisti fis-seklu sittax fil-post fejn issa hemm dik Ta' Pinu. Kienu jgħidulha Ta' Ġentili, u kienet qed taqa' biċċiet għax żdingata. Kien hemm bennej li kellu bżon xi ġebel minnha, imma meta mar biex jaqlagħhom kiser dirgħih it-tnejn! Għall-fidili ta' l-inħawi għalihom dak kien sinjal ta' kastig talli mess post tal-Madonna.

Fis-santwarju tal-Mellieħa hemm bosta nkwadri u oġġetti li ngħataw b'wegħda minn devoti li qalgħu xi grazzja. Meta fl-1614 niżlu l-misilmin jattakkaw l-inħawi, wieħed minnhom mar jagħmel ħsara lix-xbiha tal-Madonna fis-santwarju. Idejh ibbisulu u ħarab. Il-leġġenda tkompli tgħid li wara kien nidem u l-Madonna fejqitu, għalhekk kien bagħat żewġ xemgħat b'kitba fuqhom bil-lingwa tiegħu, bħala ħajr u tqiegħdu ma' l-*ex voto* l-oħrajn.

Il-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom kollox il-Birgu qabel ma bnew il-Belt Valletta. Fost affarijiet oħra kellhom kwadru tal-Madonna ta' Philermos imżejna bil-ġojjelli. Fl-1556 wieħed mill-kappilani ta' L-Ordni fettillu jmiss il-ġojjelli u jdejh ibbisulu. Ħass li dak kien kastig, mar iqerr u stqarr l-iżball tiegħu u biex ma jinqalawx stejjer il-Gran Mastru De La Sengle taħ parir jitlaq minn Malta. Idejh baqgħulu nixfin u paralizzati għal ħajtu.